21999D0722(11)

L 189/66 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ 22.7.1999

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

# Nru 92/98

# tal-25 ta' Settembru 1998

# li temenda l-Anness XI (Servizzi ta' Telekomunikazzjoni) għall-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif aġġustat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim għaż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn iżjed 'il quddiem issir referenza għalih bħala "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi l-Anness XI għall-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 75/98 tas-17 ta' Lulju 1998 ([1]);

Billi d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 98/80/KE tas-7 ta' Jannar 1998 li temenda l-Anness II għad-Direttiva tal-Kunsill 92/44/KEE ([2]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-inċiż li ġej għandu jiġi miżjud fil-punt 5b (Direttiva tal-Kunsill 92/44/KEE) fl-Anness XI għall-Ftehim:

"– **398 D 0080**: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 98/80/KE tas-7 ta' Jannar 1998 (ĠU L 14, ta'l-20.1.1998, p. 27).".

*Artikolu 2*

It-testi tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 98/80/KE fil-lingwa Islandiża u f'dik Norveġiża, li huma annessi għall-verżjonijiet rispettivi tal-lingwa għal din id-Deċiżjoni, huma awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar it-13 ta' Novembru 1998, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta', u fis-Suppliment taż-ŻEE għall-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.*

Magħmula fi Brussel, fil-25 ta' Settembru 1998.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

N. v. LIECHTENSTEIN

---

([1]) ĠU L 172, tat-8.7.1999, p. 54.
([2]) ĠU L 14, ta' l-20.1.1998, p. 27.